**Minuti tal-Wieħed u Tletin Laqgħa ( 31 ) tas-Sitt ( 06 ) Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar li saret , il-Ħamis 05 ta' Awissu 2010 fl-Uffiċċju Amministrattiv ta' l-istess Kunsill Lokali fil-5.30 ta' fil-għaxija.**

Il-Laqgħa bdiet fis-5.45 ta' fil-għaxija.

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

| | Ħin Dħul | Ħin Ħruġ |
|---|---|---|
| Sindku Perit Graziella Galea | 5.30 p.m. | 8.30 p.m. |
| Viċi Sindku John Bray | 5.30 p.m. | 8.30 p.m. |
| Kunsillier Peter Abela | 5.45 p.m. | 8.30 p.m. |
| Kunsillier Ray Bartolo | 5.35 p.m. | 8.30 p.m. |
| Kunsillier Alexander Bezzina | Skużat | |
| Kunsillier Jason Camilleri | Skużat | Xogħol |
| Kunsillier Mario Camilleri | 5.30 p.m. | 8.30 p.m. |
| Kunsillier Frank Gauci | Skużat | Xogħol |
| Kunsillier Alfred Grima | Skużat | Imsiefer |
| Kunsillier Raymond Tabone | 5.30p.m. | 8.10p.m. |
| Kunsillier Martin Zerafa | 5.50 p.m. | 8.30 p.m. |

Is-Sindku mexxiet il-laqgħa tal-kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur John J. Camilleri kien preżenti għall-laqgħa.

**1.00 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti tat-Tletin ( 30 ) Laqgħa tal-Kunsill li nżammet fl-01 ta' Lulju 2010, l-ewwel parti, u fit- 08 ta' Lulju, it-tieni parti.**

1.01 Ġew approvati l-minuti b'din il-korrezzjoni:

F'para. 4.12 Fit-tieni linja jinbidlu l-kliem "**fl-ittra**" u jidħlu il-kliem "**fil-korrispondenza permezz ta' *e-mail***" .

F'para. 9.00 Fit-tielet paragrafu, it-tielet linja wara l-kliem "**jekk dawn applikawx.**" tidħol sentenza ġdida "**Is-Sindku irrispondiet li dawn ma applikawx għax ma kienux konxji li jistgħu japplikaw.**"

F'para. 10.00 Fl-aġġornament tal-Kunsillier Ray Bartolo, il-paragrafu 1 jibda bil-kliem **"Il-Kunsillier talab li din l-attivita' issa tmur taħt il-Kumitat Amministrattiv Burmarrad u wara diskussjoni ġie deċiż li ........."**

**2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti tal-ewwel parti tat-Tletin ( 30 )Laqgħa tal-01 ta' Lulju 2010.**

Dwar Para. 4.01 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li għandha ssir Laqgħa mad-Direttur Generali tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali, is-Sur Martin Bugelli, sabiex jerġa jiġi diskuss il-każ tal-kuntrattur Adam Bugeja dwar il-ħlas ta' bilanċ għall-bini tal-latrina magħrufa bħala tas-Sirens.

Dwar Para. 4.12 Ġie deċiż li l-Kunsillier Peter Abela jieħu l-karigi – **Proġetti tal-Unjoni Ewropeja u Fondi mill-Unjoni Ewropeja.**

Dwar Para. 4.13 Is-Sindku, il-Perit Graziella Galea infurmat li għalkemm kien hemm il-ħsieb li ż-żjara f'Pozzallo dwar il-ġemellaġġ issir f'Settembru 2010, sa issa kien għad ma hemmx risposta mill-Kunsill ta' Pozzallo. Dwar il-ġemellaġġ ma' Agios Pavlos f'Thessaloniki, il-Greċja, hija qalet li din iż-żjara ma kinitx possibbli minn naħa tal-Greċja minħabba l-elezzjonijiet fil-Greċja.

**2.00A Punti li joħorġu mill-Minuti tal-Laqgħa ta' Kontinwazzjoni tat-Tletin Laqgħa (30) tat-08 ta' Lulju 2010.**

Dwar Para. 8.00 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi meta kien qed jiġi stabbilit is-salarju tal-impjegata l-ġdida, is-Sinjura Gloria Debono, din kien ser ikollha salarju aktar mill-impjegati William Vella u Candice Zarb għax instab li dawn iż-żewġ impjegati fil-passat kienu ġew impoġġija f'*notch* żbaljata fl-iskala tagħhom u kien hemm bżonn aġġustament fis-salarju tagħhom b'mod li dawn jilħqu l-aħħar *notch* tal-iskala f'erba' snin skont il-ftehim kollettiv tal-impjegati tal-Kunsilli Lokali.

Ġie deċiż unanimament li jsiru l-aġġustamenti meħtieġa u dawn iż-żewġ impjegati jingħataw l-arretrati mas-salarju li jmiss kif maħduma mill-*accountant* tal-Kunsill, is-Sinjura Romina Perici Ferrante.

## 3.00 Korrispondenza u Komunikazzjonijiet

Ġiet imqassma lista tal-korrispondenza li kien fiha 40 *item*. Ma' din il-lista żdiedu żewġ *items* ta' korrispondenza oħra li tressqu dak il-ħin mis-Sindku. Id-deċiżjoni dwar din il-lista ta' Korrispondenza u Komunikazjonijiet tinsab fil-lista annessa ma' dawn il-minuti.

## 4.00 Skedi ta' Dħul, Pagamenti u Ordnijiet ta' Xogħol.

4.01 **Rendikont ta' Dħul ta' Fondi.**

Ġiet approvata l-lista ta' dħul ta' fondi tal-Kunsill kif ippreżentata.

4.02 **Rendikont ta' Pagamenti**

Il-Lista tal-Pagamenti ġiet approvata minbarra dawk kif ġej:

(a) Pagament PV 1452 lill-Perit (DTR) ma' jitħallasx.

(b) Pagamenti PV 1467/10, u PV 1468/10 li huma dovuti lill-Jonstore Ironmongery ma jsirux sakemm titlesta l-inkjesta tal-Pulizija.

(c) Pagamenti PV 1477/10, PV 1478/10, u PV 1479/10 dovuti lill-M-Quip jitħallsu wara li x-xogħol jiġi ċċertifikat minn Resolve Consulting.

4.03 **Lista ta' Ordnijiet ta' Xogħol**

Ġiet approvata l-lista kif ippreżentata.

## 5.00 Tlugħ ta' skala fis-salarju tal-Iskrivani Josette Vella u Sandra Grech.

5.01 Is-Sindku, il-Perit Graziella Galea, irrakkomandat li l-iskrivani Josette Vella u Sandra Grech jitilgħu skala fis-salarju tagħhom billi dawn kienu laħqu l-massimu ta' *notches* ta' l-iskala li qegħdin fiha. Il-Kunsill approva unanimament dan it-tlugħ ta' skala fis-salarju ta' dawn iż-żewġ sinjuri impjegati tal-Kunsill.

## 6.00 Proġett ta' ristrutturar tal-Coast Road – PA 3758/09

6.01 Is-Sindku, il-Perit Grażiella Galea, spjegat li kienet saret laqgħa ta' konsultazzjoni fl-ufficini tal-Awtorita' Ta' Malta Dwar l-Ambjnet u l-Ippjanar, l-Furjana, fejn kienu preżenti l-promoturi ta' dan il-proġett, Transport Malta, ufficjali tal-Awtorita Ta' Malta Dwar l-Ambjnet u l-Ippjanar, u Membri tal-

pubbliku, fosthom bdiewa, Sindki, Kunsilliera, Membru Parlamentari, Rappreżentanti ta' NGO's u oħrajn.

Mill-Kunsill ta' San Pawl il-Baħar kienu preżenti s-Sindku, diversi Kunsilliera, membri tal-Kumitat Amministrattiv Burmarrad, u s-Segretarju Eżekuttiv.

Saret preżentazzjoni tal-proġett mill-Perit Robert Zerafa nkarigat minn Transport Malta u dawk kollha preżenti kellhom iċ-ċans li jitkellmu u jippreżentaw il-veduti u/jew ilmenti tagħhom. Issa, il-pubbliku, kif ukoll il-Kunsill, seta' jekk irid jibgħat ir-rispons tiegħu bil-miktub lill-Mepa għal dan il-proġett sal-ġimgħa d-dieħla. Ma kienx hemm għalfejn jerġgħu jinkitbu dawk l-ilmenti jew veduti li kienu diġa ġew diskussi waqt il-Laqgħa li saret fl-Awtorita' Ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanat għaliex dawn kienu diġa ġew innotati.

Is-Sindku qalet li hija kienet tal-fehma li għandha 'ssir evalwazjoni tal-art, li jigi kkunsidrat il-flora u fawna li hemm, jigi kkunsidrat li hemm ammont ta' bdiewa li jaqilgħu l-għixien tagħhom minn din iż-żona, jiġi stabbilit jekk l-art li ser tittieħed hix pubblika jew privata, u li tittieħed l-inqas ammont ta' art possibli.

6.02 Il-Kunsillier Mario Camilleri qal li l-Laqgħa li saret il-Mepa kienet biss Laqgħa ta' konsultazzjoni u għadu ma' nħareġ l-ebda permess.

6.03 Il-Kunsillier Peter Abela qal li ma kienx korrett dak li kien qed jingħad fil-mezzi tax-xandir. Kien hemm involuti 25 tomna art u żgur li ma' kienx hemm 250 bidwi li kienu ser jiġu effetwati b'dan il-progett.

6.04 Il-Kunsillier Raymond Tabone qal li dan ma' kienx l-ewwel tentattiv biex isir dan il-proġett. Huwa ma' kienx kontra li titranġa din it-triq tal-Coast Road. Huwa semma lista ta' diversi problemi li ser joħloq dan il-proġett fosthom:

Il-problema tat-Triq quddiem il-Lukanda Bella Vista. Din kienet biss qed tiġi ixxiftjata u kienet ser toħloq aktar egżost għar-residenti u konġestjoni ta' traffiku akbar ħdejn il-grawnd waqt il-logħob tat-tfal tan-*nursery* u sportivi oħrajn. Tinħoloq ukoll problema akbar ta' parkeġġ ħdejn il-grawnd.

Ma kinitx aċċettabli t-tieni proposta tal-proġett li r-*roundabout* ta' Erba'
Mwieżeb tiġi ixxiftjata ( għall-wara ċ-ċimiterju ) u hekk tittieħed kwantita ferm akbar ta' raba agrikola.

Għandu jsir studju serju ta' dħul u ħruġ ta' traffiku fiż-żona ta' San Pawl il-Baħar u fejn għandhom jitpoġġew il-*pedestrian crossings*.

Għaliex kien hemm bżonn li jsiru żewġ lanes kull naħa tat-triq ?

It-triq il-ġdida għandha tinbena fuq dik eżistenti u ma' jsir xejn f'nofs l-għelieqi. Tinbena fil-għoli fuq arkati biex minn taħtha wieħed ikun jista jgħaddi minn

naħa għal oħra taż-żewġ partijiet ta' Kennedy Grove mingħajr il-bżonn li wieħed jaqsam minn ġot-traffiku.  L-ilma tax-xita jgħaddi wkoll minn taħt it-triq lejn il-baħar u mhux kif qed jiġi propost għad-detriment tal-bdiewa.

Il-Mepa għandha tagħti każ u tikkonsidra bis-serjeta' l-proposti li ġew sottomessi mill-aħwa Carmel u Joe Hili bħala li huma Membri tal-Kumitat Amministrattiv Burmarrad, f'isem il-bdiewa u residenti ta' Burmarrad.    Din is-sottomissjoni 'ssemmi fost oħrajn:

Il-qerda ta' pjanti u tipi ta' ħxejjex mediċinali, u siġar tal-Luq, u speċi ta' annimali li huma rari ħafna.
Fdalijiet ta' żmien il-Kavallieri kemm viżwali u kemm dawk li huma mirduma.
Passaġġi ta' l-ilma.

6.05 Ġie deċiż li tinkiteb ittra lill-MEPA għal konsiderazzjoni tal-Public Consultation Board u għal meta jkun ser isir il-Environment Impact Assessment u qabel jinħarġu l-permessi.

**7.00 Rapport dwar pagament dovut lill-Lawrence Cassar u *Bye-Law* għall-kontroll ta' ipparkjar ta' Karrijiet.**

7.01 Is-Sindku, il-Perit Graziella Galea qrat rapport tagħha u tas-Segretarju Eżekuttiv dwar il-każ pendenti għall-ħlas ta' tiżjin bid-dawl li sar għall-Milied 2008 minn Lawrence Cassar.  Dan ir-rapport sar wara laqgħa li saret mal-avukat tal-Kunsill, Dr.John Bonello.

Il-Kunsill qabel unanimament li fuq il-parir tal-Avv. Bonello u skont kif irrakkomandat fir-rapport, il-kuntrattur Lawrence Cassar għandu jitħallas wara li jiġi mitlub jikkonsidra jagħti xi skont ieħor lill-Kunsill fuq l-ammont mitlub.

7.02 Dwar il-proposta ta' *Bye-Law* għall-kontroll ta' ipparkjar ta' karrijiet ġie deċiż li din terġa tiġi diskussa wara li issir laqgħa fuq dan is-suġġett mal-Assistent Kummissarju tal-Pulizija Raymond Zammit.

7.03 F'dan il-ħin saret sospensjoni ta' ftit minuti tal-Laqgħa tal-Kunsill sabiex ikunu jistgħu jitkellmu xi membri tal-pubbliku li kienu preżenti u li kienu ġew mogħtija ċitazzjonijiet għax ipparkjaw il-karrijiet f'diversi żoni ta' ħdejn il-baħar f'San Pawl il-Baħar.

**8.00 Preżentazzjoni tar-rapport SEAP**

8.01 Il-Kunsillier Raymond Tabone qal li r-rapport huwa wieħed verament dettaljat u li fih *data* interessanti. Huwa ppropona li jiġi mwaqqaf sotto-kumitat fuq dan is-suġġett.

8.01 Ġie maħtur sotto-kumitat iffurmat minn dawn il Kunsilliera:

Is-Sindku, il-Perit Graziella Galea,
Il-Viċi Sindku, is-Sur John Bray
Il-Kunsillier Martin Zerafa
Il-Kunsillier Ray Tabone.

**9.00 Proposta ta' Aġenda Item Dwar it-*Tender* Għall-Propjeta Għall-Uffiċini Ġodda tal-Kunsill.**

9.01 Is-Sindku, il-Perit Graziella Galea, qalet li kienet inħarġet is-sejħa b'*tender* għall-kiri ta' uffiċini ġodda għall-Kunsill. Saru żewġ laqgħat biex jiġu evalwati t-tmien *tenders* li rċieva l-Kunsill, waħda nhar is-Sibt li għadda tas-Sotto-Kumitat u oħra tal-Kumitat tal-Evalwazzjoni tal-Kuntratti li saret eżatt qabel din il-Laqgħa tal-Kunsill. Wara din l-aħħar laqgħa, saret żjara fuq il-post mill-Vici Sindku, Kunsilliera Peter Abela u Raymond Tabone. Is-Sindku qalet li kienet qed tipproponi li dan is-suġġett jkun *item* għad-diskussjoni waqt din il-Laqgħa tal-Kunsill.

9.01 Il-Kunsillier Raymond Tabone oġġezzjona għal dan.

9.02 Is-Sindku, issekondata mill-Kunsillier Peter Abela, ipproponiet li 'ssir votazzjoni dwar jekk dan is-suġġett għandux jiġi diskuss u deċiz f'din il-Laqgħa. Il-mozzjoni għaddiet b'votazzjoni ta' sitt voti favur u wieħed kontra. Il-Kunsillier Raymond Tabone ivvota kontra.

9.03 Il-Kunsillier Raymond Tabone f'dan il-ħin telaq il-barra mill-Laqgħa.

Qabel telaq huwa għamel l-aġġornament tiegħu fejn talab:

1. Issir talba għall-*Bus Shelters* fejn hemm *Bus Stops* iżda mingħajr *Bus Shelters*.

2. L-Eco Wardens jinfurzaw il-liġi tal-ħmieġ tal-klieb.

3. Jinżabru u jitbaxxew il-*hedges* tal-ħaxix fejn dan hu għoli fil-*Junction* ta' Dawret San Pawl u fix-Xemxija.

9.04 Is-Sindku, il-Perit Graziella Galea, spjegat li kemm is-Sotto-Kumitat tal-Kunsill, kif ukoll il-Kumitat tal-Evalwazzjoni tat-*Tenders* kien studja t-tmien offerti li daħlu wara l-ħruġ ta' *Tender*. Hija qassmet lista tal-offerti u rrispondiet għal diversi mistoqsijiet tal-Kunsilliera dwar is-sottomissjonijiet mitfugħa.

L-irħos offerta u l-aktar waħda vantaġġjuża kienet dik tas-Sur Joseph Muscat. Il-post propost kien fi-Triq San Pawl qrib tal-Veċċja u fih *area* ta' 850 metru kwadru fuq firxa ta' tliet sulari li jistgħu jaqdu l-ħtiġijiet kollha tal-Kunsill inkluż Sala tal-Komunita', Ċentru ta' Matul il-Jum, post għal diversi korsijiet u lezzjonijiet ta' diversi suġġetti, kif ukoll Uffiċċju Amministrattiv. Kien fuq sistema ta' *open plan* u kien lest b'mod lussuż ħafna. Naturalment kien jinħtieġ xi alterazzjonijiet żgħar bħal *platform lift* għall-anzjani u persuni bi bżonnijiet speċjali u tibdil ta' permessi għall-użu bħala uffiċċju. Kien ukoll hemm bżonn li d-Dipartiment japprova dan it-tibdil fil-post tal-Uffiċċju tal-Kunsill.

9.05 Il-Kunsilliera kollha preżenti qablu unanimament li l-Kunsill jikri din il-propjeta' u jsiru l-arranġamenti kollha meħtieġa sabiex il-Kunsill jittrasferixxi l-Uffiċċini Amministrattivi u l-attivitajiet kollha tiegħu għal dan il-post.

Is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv ġew inkarigati u awtorizzati sabiex jagħmlu l-arranġamenti kollha meħtieġa inkluż spejjeż skont il-bżonn sabiex dan il-proġett iseħħ mill-aktar fis possibli. Ġie deċiż li s-Sur Joseph Muscat jintalab jagħmel applikazzjoni għal permess ta' *Change of Use* kif meħtieġ, idejalment bl-assistenza tal-Periti tal-Kunsill, iżda a spejjes tiegħu. Ġie deċiż ukoll li l-avukat tal-Kunsill, l-Avv. John Bonello, jintalab jipprepara kuntratt ta' kera, u li tintalab l-approvazzjoni tad-Dipartiment.

**9.00 Aġġornamenti:**

**Is-Sindku l-Perit Graziella Galea**

1. Dwar l-attivita' tal-Karnival tas-Sajf f'Buġibba ġie approvat li tintagħżel l-irħas kwotazzjoni għall-provista ta' *sound* u dwal. Ġie approvat ukoll l-ammont proviżorju ta' €6000 ( sitt elef ewro ) sabiex tittella' din l-attivita', minbarra l-i*sponsors*.

2. Ġew approvati li jsir bdil ta' *notice boards* tal-Kunsill minħabba li bosta minnhom ma għadhomx fi stat tajjeb.

3. Il-Kunsilliera ġew infurmati li ser issir żjara fil-Kunsill u żewġ NGO's f'San Pawl il-Baħar mis-Segretarju Parlamentari Dr. Chris Said fl-20 ta' Awissu 2010. Huma ġew mitluba jkunu preżenti għal din iż-żjara.

4. Għandu jsir rapport lill-Pulizija dwar serq ta' globu fil-Veċċja u jinxtara ieħor floku.

5. Hemm bżonn ta' ingaġġ ta' *Handyman* mal-Kunsill. Ġie deċiż li din tittella' bħala *Aġenda Item* fil-Laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

6. Ġie awtorizzat xogħol *extra* ta' tbattil ta' *bins*, knis u ħasil *extra* ta' diversi toroq f'dawn ix-xhur tas-Sajf.

7. Is-Sindku talbet l-approvazzjoni sabiex hija flimkien mal-Kunsillier Frank Gauci jakkompanjaw liż-żgħażagħ fiż-żjara ta' Youth Exchange fil-Bulgarija fejn jitħallas 30% tal-vjaġġ minn dawk li jmorru. Ġie approvat unanimament li l-Kunsill iħallas 30% tal-vjaġġ u s-*subsistance* skont il-liġi bħala *allowance* lis-Sindku u lill-Kunsillier Frank Gauci għal din iż-żjara.

**Il-Kunsillier Peter Abela**

1. Il-Kunsillier informa li l-Fishing Festival ta' din is-sena qed ikun organizzat mill-Kunsill Lokali u ser ikun miftuħ għar-residenti kollha. Il-Kunsill għandu joħroġ il-permessi meħtieġa. Ġiet awtorizzata nefqa ta' €2,000.- - għal dan il-festival u l-ispejjeż għandhom jiġu diskussi mas-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

2. Talab li jintbagħtu kopji ta' skeda u pjanti tal-knis fil-lokalita' lill-Kunsilliera kollha.

3. Għandu jinħareġ tender għal xiri ta'dwal u dekorazzjonijiet tal-Milied. Jiġu kkonsultati l-Kunsilliera Ray Tabone, Peter Abela u Martin Zerafa.

**Il-Kunsillier Martin Zerafa**

1. Talab li jsiru Zebra Crossings il-Qawra bid-dwal.

2. Talab u giet approvat li titneħħa katina llegali bejn żewġ U-Bends ħdejn Piscopo f'ta' Erba Mwieżeb.

3. Jitranġaw/jinbidlu pilastri msaddin ħdejn is-Slip Way fi Triq il-Luzzu.

**Il-Kunsillier Ray Bartolo**

1. Talab lis-Sindku tirreferi lill-Mepa u lill-Puluzia ħitan tas-sejjieh li huma mġarrfin u li għandhom jittellgħu mis-sidien skont il-livell tal-ghelieqi.

2. Staqsa taħt min jaqaw żewġ pontijiet fil-lokalita ta' Burmarrad.

3. Giet approvata is-somma ta' Euro 3,000.—extra għall-Attivita' tal-bdiewa li ser issir f'Burmarrad f'Ottubru 2010.

**10.00 Egħluq tal-Laqgħa**

9.01 Peress li kien sar il-ħin, il-laqgħa intemmet fid-8.30 ta’ fil-għaxija.

Perit Graziella Galea
Sindku.

John J. Camilleri
Segretarju Eżekuttiv.